L-Erbgħa

It-Il ġimgħa tas-salterju

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU

1.
Meta frixt, Mulej, il-medda
tas-smewwiet, bid-dawl żejjinthom;
ridt li x-xemx binhar twennisna
u dawwalt il-lejl bil-qamar.
2.
Issa l-lejl diġà ħalliena,
tielgħa x-xemx għall-ġirja tagħha,
tqanqal fina saħħa ġdida
sabiex nerġgħu naqbdu l-ħidma.
3.
Xieraq, mela, li fil-bidu
tal-ġurnata nfaħħru lilek,
o Missier ħanin, li tfawwar
qalb uliedek bis-sliem tiegħek.
4.
Mit-tfixkil illum warrabna,
żomm fid-dritt l-ispirtu tagħna,
għinna nibqgħu dejjem nodfa
f'kull ma naħsbu, ngħidu w nagħmlu.
5.
Bħalma x-xemx iżżid is-sirġa,
hekk titqawwa fina l-fidi,
aktar soda ssir it-tama,
w iżjed jikbes nar l-imħabba.
6.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

SALMODIJA

Ant. 1 Qaddisa triqtek, o Alla! Liema alla hu kbir bħal Alla tagħna?
L-Għid: Rawk l-ilmijiet, o Alla; għaddejt lill-poplu tiegħek mill-baħar, hallelujah.

Salm 76 (77)

B'leħen qawwi 'l Alla nsejjaħ, *
insejjaħ 'l Alla biex jismagħni.

Fid-diqa tiegħi lil Sidi nfittex; †
ma negħjiex billejl nerfa' idi u nitlob; *
ma tridx taf b'faraġ qalbi.
Niftakar f'Alla u nitniehed; *
jien u naħseb, tinfena qalbi.

Inżomm miftuħa xfar għajnejja; *
jiena mħawwad u ma nistax nitkellem.
Naħseb fiż-żmien ta' l-imgħoddi, *
niftakar fis-snin ta' qabel;
billejl nitħaddet f'qalbi, *
naħseb u nixtarr ġewwa fija.

Tgħid għal dejjem se jwarrabna Sidna? *
Mhux se jibqa' jurina mħabbtu?
Waqfet għal dejjem it-tjieba tiegħu? *
Mhux se jibqa' jżomm kelmtu minn nisel għal ieħor?
Nesa Alla juri ħniena magħna? *
Jew ħeba ħnientu fl-għadab tiegħu?

Ikolli ngħid: "Dan hu l-għali tiegħi: *
li Alla l-Għoli biddel għemil lemintu."
Imbagħad niftakar f'għemilek, Mulej; *
naħseb fl-għeġubijiet li għamilt fl-imgħoddi.
Naħseb f'kull ma int għamilt; *
nixtarr l-għemejjel kbar tiegħek.

Qaddisa triqtek o Alla! *
Liema alla hu kbir bħal Alla tagħna?
Int Alla li tagħmel ħwejjeġ ta' l-għaġeb, *
li turi qawwietek fost il-popli.
Bi driegħek fdejt il-poplu tiegħek, *
l-ulied ta' Ġakobb u ta' Ġużeppi.

Rawk l-ilmijiet, o Alla, †
rawk l-ilmijiet u twerwru; *
u sa qiegħ il-baħar triegħed.
Mis-sħab niżlet ix-xita, u s-smewwiet triegħdu; *
leħħ ma' kullimkien il-beraq tiegħek.
Il-ħsejjes tar-ragħad tiegħek waħda f'waħda, †
il-beraq dawwal id-dinja; *
triegħdet u theżżet l-art. –

Triqtek fuq il-baħar, †
fuq l-ibħra l-kbar il-mixi tiegħek; *
u ħadd ma jsibhom il-passi tiegħek.
Mexxejt bħal merħla l-poplu tiegħek, *
b'id Mosè u Aron.

Ant. Qaddisa triqtek, o Alla! Liema alla hu kbir bħal Alla tagħna?
Ant. 2 Qalbi tifraħ fil-Mulej, li jbaxxi kif ukoll jgħolli.
L-Għid: Il-Mulej jibgħat il-mewt u jagħti l-ħajja, hallelujah.

Kantiku (1 Sam 2,1-10)

Qalbi tifraħ fil-Mulej, *
bis-saħħa tiegħu jintrefa' ġieħi;
jien niddieħak bl-għedewwa tiegħi, *
u nifraħ bis-salvazzjoni tiegħek.

Ħadd m'hu qaddis bħall-Mulej, †
ma hemm ħadd ieħor ħliefek; *
ma hemmx blata bħal Alla tagħna.
Toqogħdux titkabbru iżjed bi kliemkom; *
kliem kburi ma joħroġx iżjed minn fommkom.
Għax il-Mulej hu Alla li kollox jagħraf, *
hu jqis l-għemejjel tal-bniedem.

Il-qaws tal-qawwijin tkisser, *
u tħażżmu bil-ħila d-dgħajfin.
Min kellu bix-xaba' mar jaħdem għal ħobżu; *
imma l-imġewwaħ ma baqax jitħabat.
Il-mara bla tfal wildet sebgħa, *
u l-omm ta' bosta wlied tilfet saħħitha.

Il-Mulej jibgħat il-mewt u jagħti l-ħajja, *
iniżżel f'art l-imwiet u jtella' minnha.
Il-Mulej ifaqqar u jagħni, *
ibaxxi u jgħolli wkoll.
Iqajjem mit-trab lill-imsejken, *
u jerfa' lill-fqir mill-miżbla,
biex mal-kbarat iqegħedhom, *
u jagħtihom post ta' ġieħ.
Għax tal-Mulej huma l-kolonni ta' l-art; *
fuqhom hu qiegħed id-dinja. –

Huwa jħares il-mixi ta' ħbiebu, †
imma l-ħżiena fid-dlam jinqerdu; *
għax mhux b'ħiltu li l-bniedem jitqawwa,
Il-Mulej iwerwru lil min jeħodha miegħu, *
u fuqu mis-sema jriegħed.
Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-art kollha, †
jagħti s-setgħa lis-sultan tiegħu, *
jgħolli u jqawwi lill-midluk tiegħu.

Ant. Qalbi tifraħ fil-Mulej, li jbaxxi kif ukoll jgħolli.
Ant. 3 Tifraħ l-art quddiem il-Mulej, is-Sultan!
L-Għid: Feġġ id-dawl fuq il-ġust, u l-hena għal qalb in-nies sewwa, hallelujah.

Salm 96 (97)

Il-Mulej isaltan! †
Ħa taqbeż l-art bil-ferħ, *
u jifirħu l-ħafna gżejjer!
Sħab u dlam hemm madwaru; *
is-sewwa u l-ħaqq is-sisien tat-tron tiegħu.
In-nar jimxi quddiemu, *
u jeqred madwaru l-għedewwa tiegħu.
Il-beraq tiegħu jdawwal id-dinja; *
tara dan l-art u titriegħed.
Bħax-xama' jdubu l-muntanji quddiem il-Mulej, *
quddiem is-Sid ta' l-art kollha.
Ixandru s-smewwiet il-ġustizzja tiegħu; *
jaraw il-popli kollha s-sebħ tiegħu.

Jinfixlu dawk kollha li jqimu l-idoli, †
li jiftaħru bix-xbihat fiergħa tagħhom; *
u quddiemu jinxteħtu l-allat kollha.
Tisma' dan u tifraħ Sijon, †
jaqbżu bil-ferħ l-ibliet ta' Ġuda, *
minħabba l-ġustizzja tiegħek, Mulej.
Għax int, Mulej, int l-Għoli, †
'il fuq mill-art kollha, *
ogħla ħafna mill-allat.

Iħobb il-Mulej lil min jobgħod il-ħażen, †
iħares il-ħajja ta' ħbiebu, *
jeħlishom minn idejn il-ħżiena.

Ifeġġ id-dawl fuq il-ġust, *
u l-hena għal qalb in-nies sewwa.
Ifirħu, ġusti, fil-Mulej, *
u faħħru l-isem qaddis tiegħu.

Ant. Tifraħ l-art quddiem il-Mulej, is-Sultan!

LEZZJONI QASIRA Rum 8,35.37

Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? Taħbit, dwejjaq, persekuzzjoni, ġuħ, għera, tiġrib, xabla? Imma, f'dan kollu, aħna noħorġu tassew rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna.

RESPONSORJU QASIR

R. Kull ħin inbierek il-Mulej; * Tifħiru dejjem fuq fommi. Kull ħin.
V. Bil-Mulej tiftaħar ruħi. * Tifħiru dejjem fuq fommi. Glorja. Kull ħin.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Naqdu lill-Mulej bil-qdusija tul ħajjitna kollha.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,

biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Naqdu lill-Mulej bil-qdusija tul ħajjitna kollha.

PREĊI

Ikun imbierek Alla s-salvatur tagħna, għax hu jibqa' dejjem mal-Knisja tiegħu, sa l-aħħar taż-żmien, skond il-wegħda tiegħu. Niżżuh ħajr minn qalbna u ngħidulu:
Ibqa' magħna, Mulej.
Ibqa' magħna llum, Mulej, tul il-ġurnata kollha:
- jalla x-xemx tal-grazzja tiegħek ma tgħib qatt minn fuqna.
Nikkonsagrawlek dan il-jum, billi noffruh lilek:
- nagħtuk kelma li nagħmlu ħilitna kollha biex naħarbu kull ħażen.
Agħmel, Mulej, li dan il-jum jisfgħalna kollu kemm hu bħala don ta' dawl:
- jgħinna nkunu l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja.
L-imħabba ta' l-Ispirtu Qaddis tiegħek tmexxi l-qalb u x-xufftejn tagħna:
- biex dejjem inżommu sħiħ fit-triq il-ġusta tiegħek u nfaħħruk.

Missierna

Talba

Sawwab fi qlubna, Mulej, id-dija tad-dawl tiegħek, biex nimxu bla waqfien fit-triq tal-kmandamenti tiegħek, u qatt ma mmiddu riġlejna fit-triq l-imgħawġa. B'Ibnek.

Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**